MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 662/2008

**JG MANAGEMENT CONSULTANCY LIMITED**
(C-24187)

**vs**

John Mary **CARDONA**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit- 30 ta' Gunju, 2008, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imharrek biex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tnejn u hamsin elf mitejn u wiehed u sebghin euro (Eur52,271) tirraprezenta self maghmul lill-istess imharrek "*brevi manu*" b'kitba private tal-5 ta' April, 2004;

Talbet ukoll il-hlas ta’ l-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimat li minkejja li deher ghall-ewwel smigh u nghata l-jedd li jikkontesta l-kawza, naqas li jressaq Twegiba Mahlufa fiz-zmien moghti lilu, u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta attrici;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja ta’ l-intimat tiddeciedi billi:

1) **Tastjeni** milli tqis aktar l-ewwel talba fid-dawl tad-degriet taghha tas-16 ta’ Ottubru, 2008;

**2) Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imharrek biex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u hamsin elf mitejn u wiehed u sebghin euro (Euro52,271) rapprezentanti l-bilanc ta’ dejn maghmul lilu “*brevi manu*” flimkien ma’ l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’sehh mill-1 ta’ Jannar, 2004 sal-jum tal-hlas effettiv.

**3) Tikkundanna** lill-imharrek ihallas **l-ispejjez tal-kawza**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------